**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 11 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 24**

**Avviz Nru: 1132/01 AE**

**Christopher Delia**

**vs**

**Brian Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm285), hlas ta' danni sofferti mill-atturi meta f'Hal Qormi fit-12 ta' Mejju 2001 il-vettura numru AAN 603 baqghet diehla fil-vettura bin-numru IAN 726, prevja kull dikjarazzjoni li din il-habta grat

minhabba negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza.

Ra wkoll it-talba rikonvenzjonali li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha talab il-hlas tas-somma ta' mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm159), hlas ta' danni li sofra b'rizultat ta' l-incident fuq imsemmi.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-attur u li permezz taghha kkontesta t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-kontendenti.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Din il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Mejju 2001 gewwa Triq il-Helsien, Qormi.

2. Jirrizulta li l-vettura tal-marka Volkswagen Golf bin-numru IAN 726 (misjuqa mill-attur) kienet tinsab wara l-vettura tal-marka Peugeot 405 bin-numru AAN 603 (misjuqa mill-

konvenut). F'hin minnhom il-vettura misjuqa mill-konvenut riedet iddur fuq ix-xellug ghal gewwa Triq tal-Hlas, li hija *minor road*.

3. Mill-provi li tressqu jirrizulta li l-konvenut gibed ghal fuq in-naha l-ohra ta' Triq il-Helsien.

4. Mill-provi rrizulta li l-hsara fil-vettura Peugeot 405 kienet fuq il-mudguard ta' wara tan-naha tax-xellug, bumper u l-hubcup. Min-naha l-ohra l-vettura misjuqa mill-attur kellha hsarat fuq quddiem fuq in-naha tas-sewwieq. Dan flimkien mal-wisa' tal-karreggjata minn fejn kienu ghaddejjin il-vetturi misjuqa mill-kontendenti, jikkonforta t-tezi ta' l-attur li hija korroborata mill-passigier l-iehor li kien riekeb fil-vettura mieghu. Dan ix-xhud ikkonferma, *"f'hin minnhom din il-vettura qasmet ghal fuq il-karreggata opposta u mxiet ghal tul ta' xi zewg vetturi. Din il-vettura regghet ghamlet manuvra li permezz tieghu regghet dahlet ghal fuq il-karreggata li fuqha konna ghaddejjin ahna"* (seduta tal-10 ta' Dicembru 2001). Ghandu jissemma wkoll li t-Tribunal kellu l-opportunita li jaccedi fuq il-post ta' l-incident u sabiex jivverifika l-verzjonijiet moghtija mill-kontendenti u jikkunsidra wkoll il-konfigurazzjoni tat-triq. It-Tribunal huwa tal-fehma li kieku dak li qal il-konvenut huwa minnu, il-hsara fil-vetturi tal-kontendenti ma kenitx tkun dik riskontrata mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz u li wara kollox giet ikkonfermata wkoll mill-konvenut. Inoltre, il-posizzjoni tal-vettura misjuqa

mill-konvenut kif murija fl-iskizz (fol. 22) hija konferma li fil-hin ta' l-incident il-vettura tal-konvenut kienet ghadha ma dahlitx fi Triq tal-Hlas.

5. Bejn il-partijiet hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk fil-hin tal-manuvra l-konvenut kellu jew le l-indicator tieghu mixghul. B'danakollu jekk l-istess konvenut xeghel l-indicator tieghu, jibqa' l-fatt li l-manuvra tieghu kienet wahda li tigbed fuqu l-akbar attenzjoni da parti tas-sewwieq u dan peress li kien ser jaqsam il-*flow of traffic*. Min ser jaqsam minn naha ghall-ohra tat-triq mhux biss ghandu obbligu li jaghmel sinjal, imma ghandu necessarjament izomm *'a proper look out'*. Jidher li l-konvenut ma ghamilx dan. Huwa stabbilit fil-gurisprudenza li:

- Is-sinjali li tati persuna lil driver ma jassolvux lil dan mid-dover tieghu li joqghod attent ghal *road users* ohra (Appell Kriminali, **Pulizija vs J. Busuttil** deciza fid-29 ta' Novembru 1958).
- Hemm bzonn li s-sinjali jsiru fil-hin u fil-lok opportun biex jistghu jkollhom l-effett taghhom (Appell Kriminali, **Pulizija vs G. Sapiano** – Vol. XXIX.558).
- Il-fatt li wiehed jixhel l-indicator ma jaghtihx id-dritt li jaghmel li jrid (Vol. XXXVIII.868).

6. Jinghad ukoll li anke jekk il-konvenut kellu l-bzonn (haga li ma tirrizultax) li jmur fuq in-naha l-ohra tat-triq sabiex ikun jista' jidhol fit-triq minuri (Triq il-Hlas), huwa kellu

obbligu li jipprocedi b'attenzjoni kbira u ma kellux jipprocedi jekk ma jkunx cert minn qabel li seta' jigi fuq is-side tieghu minghajr ma jostakola t-traffiku.

7. Dwar il-quantum ta' danni reklamati mill-attur ma saret ebda kontestazzjoni min-naha tal-konvenut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal:

1. Jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm285), danni sofferti fil-vettura numru IAN 726 f'incident li sehh gewwa Hal Qormi fit-12 ta' Mejju 2001 u ghal liema incident huwa responsabbli l-konvenut li kien qieghed isuq il-vettura Peugeot bin-numru AAN 603.

2. Jichad it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut.

Bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**